# KRISTU: SULTAN TAL-PAĊI U TA' L-IMĦABBA

## SUNETT

*Ta'* ANNIBALE PRECA

*Lill-ħabib Giuseppi Muscat-Azzopardi.*

Fil-qiegħ tal-biki jsaltan għadu kiefer
Kburi, għajjur, qattiel ill'ismu Ġlied,
Illi bi snienu jbiċċer u bid-dwiefer
L-imsejkna t'Adam u Eva rsiera u wlied.

Dan kien fil-ħena; ma minn qalbu siefer
Ir-riżq u l-hena x'ħin jitkabbar ried:
Il-lum dejjem f'dagħdiegħa u dejjem ġiefer
Jidgħi 'l min ħalqu u jobgħod is-smewwiet.

Iżda ntemmet saltnatek, ja għajjur,
X'ħin ħa ġisem ta' bniedem il-Ħanin,
Sultan tal-paċi u minn ta' rwieħna Sid.

Ħuti l-egħżież bil-ferħ kif il-qalb tfur!
Imħabba jitlob minna dal-Bambin:
"Nar ġejt inkebbes fl-art, u mħabba rrid",
1899.